**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Mario Bonello)

**vs**

**Mario Calleja**

Illum 26 ta` Lulju 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Mario Calleja ta` 43 sena bin Raphael u Gasparina nee` Cutajar, imwieled Paola fit-3 ta` Novembru 1958 u joqghod Marsilanne, Triq iz-Zokkrija, Mosta, ID 780058 (M):

**1.** Talli f`dawn il-gzejjer matul is-sena 1999 u fis-snin ta` qabel, fil-fond Pieta Mini Market, 154, Ou Lady of sorrows Street, Pieta`, bhala dtentur tal-imsemmi fond, jew bhala persuna li kellek f`idejk l-imsemmi fond

b`diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksur l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahd, ikkommettejt serq ta` kurrent eletriku li jammonta ghal aktar minn elf lira maltin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont.

**2.** Talli fl-istess zmien u cirkostanzi volontarjament ghamilt hsara jew kissirt xi parti mill-arlogg ta` l-eletriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew sigilli teighu jew gummi wzati fil-provvista ta` l-eletriku jew is-siggilli tieghu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali;

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih;

Issibu hati.

Rat l-Artikoli 261, 264, 270, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152

Wara li semghet fis-seduta tal-lum lis-Sur Silvio Decelis in rapprezentanza ta` l-Enemalta tiddeciedi li tapplika l-imsemmi Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Ghalhekk filwaqt li ssib lill-akkuzat **hati, tilliberah taht il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mill-lum.** Il-Qorti qed twissi lill-hati kif mitluba mill-ligi.

Vera kopja

Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.